



EBA/GL/2022/04

3 ta' Mejju 2022

Linji Gwida dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument jinkludi Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida.
2. Il-Linji Gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-Linji Gwida jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida jkunu diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti tar-rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 16.08.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/04". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jikkonċernaw il-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar jekk ir-reġim ta' kunfidenzjalità u segretezza professjonali li għalih huma soġġetti l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Anness huwiew ekwivalenti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu VII, il-Kapitolu 1, it-Taqsima II tad-Direttiva 2013/36/UE; fl-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2015/2366; fl-Artikoli 84 u 98 tad-Direttiva 2014/59/UE; u fil-Kapitolu VI, Taqsima 3, Sottotaqsima IIIa tad-Direttiva (UE) 2015/849.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-ekwivalenza tar-reġim ta' kunfidenzjalità li għalih huma soġġetti l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi elenkati fl-Anness għall-iskopijiet li ġejjin:
 - a. sabiex jikkonkludu arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtorità ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2013/36/UE² u wkoll għall-iskopijiet tal-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2015/2366³ u l-Artikolu 57a (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849⁴, jew f'konformità mal-Artikoli 97 u 98 (1) tad-Direttiva 2014/59/UE⁵; u
 - b. sabiex ikun possibbli li l-awtorità ta' pajjiżi terzi tipparteċipa f'kulleġġi superviżorji u ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 116 (6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikoli 88 u 89 tad-Direttiva 2014/59/UE; u fil-kulleġġi AML/CFT f'konformità mal-Kapitolu VI, Taqsima 3, Sottotaqsima IIIa tad-Direttiva (UE) 2015/849 u l-Linji Gwida dwar il-Kulleġġi AML/CFT⁶.

² Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338)

³ Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE, 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35)

⁴ Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73)

⁵ Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190)

⁶ Il-Linji Gwida konġunti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-iskop tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji, (Il-Linji Gwida dwar il-Kulleġġi AML/CFT) tas-16 ta' Diċembru 2019, (JC 2019 81)



Destinatarji

7. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (2) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE, id-Direttiva 2015/2366, id-Direttiva 2014/59/UE u d-Direttiva (UE) 2015/849 għandhom l-istess tifsira fil-Linji Gwida.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-Linji Gwida japplikaw, sa mhux aktar tard, minn 16.08.2022.

Tħassir

10. Il-Linji Gwida dwar l-ekwivalenza tar-reġimi ta' kunfidenzjalità (EBA/REC/2015/01)⁷ huma mħassra b'effett minn 16.08.2022.

4. Valutazzjoni tal-ekwivalenza

11. Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2013/36/UE u wkoll f'konformità mal-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 u 57a (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849, l-Artikoli 97 u 98 (1) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-Artikolu 116 (6) tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikoli 88 u 89 tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Linji Gwida dwar il-Kulleġġi AML/CFT, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu li r-reġim ta' segretezza professjonali u kunfidenzjalità applikabbli għall-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi msemmi fl-Anness huwa ekwivalenti għar-reġim stabbilit fit-Titolu VII, Kapitolu 1, Taqsima II tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2015/2366, fl-Artikoli 84 u 98 tad-Direttiva 2014/59/UE u fil-Kapitolu VI, Taqsima 3, Sottotaqsima IIIa tad-Direttiva (UE) 2015/849, fejn rilevanti skont il-kompetenzi tal-awtorità tal-pajjiż terz.
12. Għall-iskopijiet tal-paragrafu preċedenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-Anness.

⁷ Il-Linji Gwida EBA/GL/2020/03 oriġinarjament inħarġu bħala rakkomandazzjonijiet EBA/REC/2015/01 u ġew emendati sussegwentement.

